MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 986/2010

**Mediterraen Insurance Brokers Malta Ltd (C-3540) ghan-nom ta' Lloyds Underwriters u Joseph Briffa (ID 544965M) u Maria Dolores Briffa (ID 572458M)**
**Vs**
**Joseph Bugeja**

**It-Tribunal;**

Ra l-avviz fl-ismijiet prenessi pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2010 fejn is-socjeta attrici qalet milli fond tal-konvenut dahal ilma ghal-gewwa l-fond tal-konjugi Briffa li tinsab 84 Yovanka Triq il-Port Ruman Marsaxlokk fit-30 ta' Jannar, 2009,

2) Illi dan l-ilma kkawza hsarat fl-istess fond tal-konjugi Briffa li jammontaw ghas-somma ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150) u dan kwantu ghal elf mija u hmistax (€1,115) lil Mediterraen Insurance Brokers Malta Ltd, li huma l-assikuraturi tal-konjugi Briffa u hamsa u tletin ewro (€35) li l-konjugi Briffa hallsu bhala excess.

3) Illi dawn il-hsarat gew kawzati minn negligenza u imperizja tal-konvenut u dan meta dahal ilma mill-fond tal-konvenut ghal-gewwa l-fond tal-konjugi Briffa

4) Illi l-Mediterraen Insurance Brokers Malta Ltd hallsu d-danni inkorsi lil konjugi Briffa u gew surrogati fid-drittijiet taghhom (Numru tal-claim 0022962)

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ elf mija u hamsin ewro (€1,150) lill-atturi,

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Bonarja tal-21 ta’ Ottubru, 2009 u tal-Ittra Ufficjali datata 2 ta’ Frar, 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi.

Ra wkoll ir-risposta tal-konvenut li wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fit-2 ta’ Awissu, 2010 fejn irrileva illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwiex minnu li l-hsarat fil-fond tal-konjugi Briffa, gew ikkawzati minn negligenza u imperizja da parti ta’ l-istess eccipjenti.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-eccipjenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-procedura.

It-Tribunal ra x-xhieda ta’ Mark Axiaq li xehed fis-16 ta’ Marzu, 2011li xehed ghas-socjeta attrici Mediterraen Insurance Malta Ltd.

Xehdet ukoll Odette Farrugia fis-16 ta’ Marzu, 2011 li kkonfermat is-survey report li hejjiet u spjegat dwar il-hsarat. Hija qalet li minkejja li mhix perit hija ghandha esperjenza ta’ ghaxar snin fuq dan ix-xoghol u minbarra hekk it-tip ta’ problemi li sabet f’dan il-kaz huma komuni hafna.

It-Tribunal ra d-dokumenti d-dokumenti li gew ipprezentati.

Ra wkoll illi l-konvenut minkejja li pprezenta r-risposta tieghu ma gab ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu u dan minkejja li t-Tribunal tah iz-zmien sabiex jaghmel dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-kaz, ra x-xhieda prodotti u d-dokumenti pprezentati jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ elf mija u hmistax il-ewro (€1,115) lis-socjeta attrici u l-ammont ta’ hamsa u tletin ewro (€35) lil konjugi Briffa. Bl-imghax ikun dekorribli mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-2 ta’ Frar, 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat mal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------